MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1000/2005

**Francis Ciantar, Joseph Pace, Angelo Briffa u John Grech f'isimhom proprju u bħala membri tal-kumitat bl-isem *Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin***

***Versus***

**Il-Partit Nazzjonalista**

1. Din il-kawża hija dwar proprjetà ta' każin politiku: jekk hijiex tal-partit innifsu jew ta' wieħed mill-kumitati tiegħu.
2. L-atturi fissru illi b'kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972 fl-atti tan-Nutar Philip Saliba huma xtraw fond bla numru fi Triq Anici, Ħal Qormi. Dan il-fond, li ġie riabilitat u armat mill-atturi, infetaħ mill-kumitat bl-isem *Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin*, magħmul mill-atturi *proprio*, u beda jintuża bħala każin taħt l-isem *Frederick Maempel*. Wara, għal bosta snin, l-atturi ħallew lill-Partit Nazzjonalista jinqeda bil-fond mingħajr ħlas.

Meta l-partit konvenut xtara fond ieħor fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi, il-fond fi Triq Anici ma baqax jintuża. L-atturi talbu dan l-aħħar fond lura iżda l-partit konvenut ma riedx iroddulhom.

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tgħid illi l-fond bla numru fi Triq Anici, Ħal Qormi, huwa proprjetà tagħhom;

ii. tordna lill-partit konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jingħatalu huwa jiżgombra mill-fond u jrodd iċ-ċwievet lill-atturi; u

iii. jekk jonqos, tagħti lill-atturi s-setgħa li jieħdu lura l-pussess tal-fond.

4. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

5. Il-partit konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

i. l-azzjoni tal-atturi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili;

ii. l-atturi *proprio* ma għandhomx *locus standi* fil-kawża u llum ma għandhomx ir-rappreżentanza tal-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi;

iii. l-azzjoni tmiss lill-membri kollha tal-każin u mhux lill-erba' atturi biss; u

iv. fil-meritu, it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda billi:

a. il-pussess *uti dominus* tal-proprjetà ilha f'idejn il-Partit Nazzjonalista għal aktar minn tletin sena;

b. il-każin huwa tal-Partit Nazzjonalista għax inkiseb minn kumitat tal-Partit Nazzjonalista li huwa biss fergħa tal-partit: għalhekk il-proprjetà hija tal-partit u mhux tal-kumitat;

c. l-istatut tal-Partit Nazzjonalista jgħid illi kull kumitat jew organu ieħor tal-partit huwa parti mill-istess partit u ma għandux personalità għalih, b'dan illi l-kap tal-partit jista' jneħħi, jibdel u jaħtar persuni fuq il-kumitat jew organu ieħor.

6. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: Fl-1962 il-Partit Nazzjonalista kellu każin fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi bl-isem *Circolo Nazionalista Federico Maempel*. Dan il-każin, li makienx proprjetà tal-Partit Nazzjonalista, kien infetaħ u kien immexxi mill-Avukat Giuseppe Maria Camilleri, kandidat mal-Partit Nazzjonalista. Ġara illi f'dik is-sena t-Tabib George Hyzler ukoll ħareġ bħala kandidat

mal-Partit Nazzjonalista fuq id-distrett ta’ Hal Qormi. Inqalgħu xi differenzi bejn iż-żewġ kandidati u fid-9 ta’ Ottubru 1962 l-Avukat Camilleri kiteb lit-Tabib Hyzler biex igħidlu illi “*you are no longer welcome in my club at Qormi*”[1]. Ftit jiem wara, fit-22 ta’ Ottubru 1962, il-kumitat tal-każin ukoll kiteb lit-Tabib Hyzler biex igħidlu illi “ħa deċiżjoni unanimament biex ma tiffrekwentax iżjed il-każin”[2].

7. Il-partitarji tat-Tabib Hyzler ifformaw kumitat bl-isem *Wieħed u Għoxrin ta’ Settembru elf disa’ mija u erbgħa u sittin*, li kien iqis lilu nnifsu bħala l-kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta’ Ħal Qormi, u, wara li għamlu xi żmien jinqdew b’xi postijiet oħra li, iżda, ma kinux biżżejjed, il-kumitat fit-28 ta’ Diċembru 1972 iddeċieda “illi jixtri bħala *sede* tal-Każin ta’ Ħal Qormi il-fond f’Anici Street, Qormi … … … u jinnomina lil Dr George Hyzler M.D. bħala president Onorarju biex jidher f’isem il-Kumitat tal-Każin u bħala mandatarju tiegħu fuq il-kuntratt relativ ta’ akkwist … … …”[3]. Din ir-riżoluzzjoni tniżżlet bil-miktub[4] u l-kitba tgħid illi hija deċiżjoni li ttieħdet waqt “seduta tal-kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta’ Ħal Qormi”. L-għada mbagħad, fid-29 ta’ Diċembru 1972, it-Tabib Hyzler deher “għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumitat tal-Każin Nazzjonalista bl-isem *Wieħed u Għoxrin ta’ Settembru elf disa’ mija u erbgħa u sittin*” fuq kuntratt fl-atti tan-Nutar Philip Saliba biex xtara l-fond fi Triq Anici. Il-flus ġabarhom il-kumitat, u wkoll ħa ħsieb jirranġa l-post u jiġbor il-flus għalhekk.

8. Il-każin kien ukoll ġie reġistrat mal-Pulizija fil-5 ta’ Ottubru 1973. Dakinhat tħallas id-dritt ta’ lira, żewġ ċenteżmi u ħames milleżmi (Lm1.02,5) “*for the registration of* Każin Nazzjonalista 21 ta’ Settembru 1964 *for 1973*” u nħarġet riċevuta[5]. Inħarġu wkoll tesseri li fuq quddiem kellhom il-kliem *Każin Nazzjonalista “21 ta’ Settembru 1964” Qormi*, fuq l-arma tal-partit, u fuq wara kien hemm l-isem u l-indirizz tat-tesserat, il-firma tal-president tal-każin

1 *Fol*. 15.
2 *Fol*. 16.
3 *Fol*. 9.
4 *Fol*. 233.
5 *Fol*. 50.

u ta' deputat tad-distrett – li kien it-Tabib Hyzler – u s-sena u n-numru tat-tessera[6].

9. Sadanittant il-każin *Circolo Nazionalista Federico Maempel* tal-Avukat Camilleri ngħalaq, u allura l-kumitat semma' l-post ta' Triq Anici għal *Federico Maempel*.

10. Sadanittant ukoll il-Partit Nazzjonalista għamel riorganizzazzjoni interna u l-kumitat tal-każin sar il-"kumitat sezzjonali" tal-partit f'Ħal Qormi.

11. Il-każin infetaħ min-Nutar Giorgio Borg Olivier, dak iż-żmien kap tal-Partit Nazzjonalista, fil-5 ta' Lulju 1975. Meta ħabbar li kellu jinfetaħ il-każin, it-Tabib Hyzler, president tal-każin u tal-kumitat organizzativ imwaqqaf biex jieħu ħsieb l-attivitajiet tal-ftuħ, ġie rapportat fil-ħarġa tal-5 ta' Lulju 1975 ta' *in-Nazzjon Tagħna* – ġurnal tal-Partit Nazzjonalista – li qal illi "l-każin … … … huwa l-frott ta' ħidma magħquda ta' ħafna nies li l-iskop tagħhom ma kien xejn ħlief li jagħmlu ġid lill-Partit Nazzjonalista"[7]. Imbagħad, fil-ħarġa ta' *Il-Mument* – gazzetta ta' nhar ta' Ħadd tal-Partit Nazzjonalista – jingħad illi t-Tabib Hyzler ta lil Dottor Borg Olivier "iċ-ċavetta biex jiftaħ uffiċjalment il-każin", u Dottor Borg Olivier għalaq id-diskors tiegħu taċ-ċerimonja tal-ftuħ "billi irringrazzja għan-nom tal-Partit Nazzjonalista li min għen biex seta' jinfetaħ dan il-każin"[8]. Fl-ewwel paġna ta' *Il-Mument* ta' dakinhar hemm ukoll ritratt[9] li juri wħud minn dawk li ħadu sehem fiċ-ċerimonja tal-ftuħ. Fosthom, barra Dottor Borg Olivier u t-Tabib Hyzler, hemm ukoll l-Avukat Giuseppe Maria Camilleri.

12. Il-kwistjoni quddiem il-qorti issa hija jekk il-proprjetà tal-bini tal-każin hijiex tal-kumitat attur jew tal-atturi *proprio* jew hijiex tal-partit konvenut.

13. Kif jidher mill-kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972, ix-xerrej kien it-Tabib George Hyzler li deher mhux *proprio* iżda "għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumitat tal-Każin Nazzjonalista bl-isem tal-*Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin*". Il-kwistjoni issa hija jekk dak il-kumitat kellux personalità legali li biha seta' jkun titolari ta' drittijiet jew kienx organu tal-partit konvenut u għalhekk dak li kiseb kisbu għall-Partit Nazzjonalista. Billi,

6 *Fol*. 49.
7 *Fol*. 175.
8 *Fol*. 178.
9 *Fol*. 177.

iżda, il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-atturi *nomine* u l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, jinħtieġ li qabel xejn inqisu dawk l-eċċezzjonijiet sabiex tingħata deċiżjoni dwarhom kif igħid u jrid l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

***Dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva***

14. Nibdew bl-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva.

15. Kif sewwa igħidu l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom[10], l-art. 4(*d*) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249] igħid illi "l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skond id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le". Il-kwistjoni għalhekk, kif ġà għidna, hija jekk il-kumitat li għalih deher it-Tabib Hyzler fuq il-kuntratt ta' bejgħ huwiex persuna għalih jew huwiex biss organu tal-partit konvenut, u mhux jekk l-atturi *proprio* xtraw f'isimhom. Fil-fatt, il-mandat lit-Tabib Hyzler ma ngħatax mill-atturi *proprio* iżda mill-"kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi", u t-Tabib Hyzler ma deherx f'isem l-atturi *proprio* iżda "għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumitat tal-Każin Nazzjonalista bl-isem tal-*Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin*".

16. L-atturi *proprio* għalhekk qatt ma ippretendew illi l-fond inxtara f'isimhom u sewwa tgħid l-eċċezzjoni tal-partit konvenut illi l-atturi *proprio* ma għandhomx *locus standi* fil-kawża. Dik l-eċċezzjoni għalhekk għandha tintlaqa'.

***Dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena***

17. Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

18. L-atturi fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom igħidu illi din hija azzjoni revindikatorja. Dan ifisser illi qegħdin jistqarru illi ma għandhomx pussess tal-ħaġa għax il-pussess ivesti fil-partit konvenut. Li rridu naraw għalhekk huwa meta l-partit konvenut kiseb dan il-pussess u jekk żammx dak il-pussess kontinwament u bla interruzzjoni għal tletin sena. Dan il-pussess irid ikun ukoll mill-bidunett *uti dominus*, billi "dawk li jżommu l-ħaġa f'isem

[10] *Fol*. 244.

ħaddieħor … … … ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom”[11].

19. Fil-fehma tal-qorti, lill-partit konvenut seħħlu li juri inekwivokabilment illi kellu dak il-pussess mill-inqas sa mill-5 ta’ Lulju 1975, meta l-kap tal-partit ingħata ċ-ċavetta. Il-qorti hija wkoll tal-fehma illi l-partit konvenut kellu l-pussess sa mill-bidunett meta nxtara l-bini wara deċiżjoni meħuda waqt “seduta tal-kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta’ Ħal Qormi”, iżda billi dan jolqot x’aktarx il-meritu – dwar min kien ix-xerrej, jekk kumitat awtonomu jew kumitat bħala organu tal-partit – il-qorti sejra għall-għanijiet tal-preskrizzjoni tibda biex tqis jekk, għall-inqas mill-5 ta’ Lulju 1975, il-partit konvenut kellux f’idejh il-każin bħala tiegħu.

20. Għalkemm l-atturi jgħidu illi l-każin kien “il-każin tat-Tabib Hyzler” iċ-ċerimonja tal-ftuħ turi illi l-każin infetaħ bħala każin tal-Partit Nazzjonalista. Dan jixhdu kemm il-kliem rappurtat tat-Tabib Hyzler, li qal illi l-ħsieb ta’ dawk li ħadmu biex infetaħ il-każin kien “li jagħmlu ġid lill-Partit Nazzjonalista”, u kemm il-kliem rapportat tal-kap tal-partit illi “irringrazzja għan-nom tal-Partit Nazzjonalista” u mhux f’isem it-Tabib Hyzler “li min għen biex seta’ jinfetaħ dan il-każin”.

21. Is-segretarji ġenerali u l-kapijiet tal-partit konvenut li xehdu fil-kawża lkoll qalu illi l-każin dejjem qisuh bħala każin tal-partit, u kienu jinqdew bih bħal ma kienu jinqdew bil-każini l-oħra tal-partit, u baqgħu hekk iqisuh ukoll meta nfetħet il-kawża. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, kienu jżommu l-każin fil-kwalità tagħhom ta’ uffiċjali tal-kumitat sezzjonali tal-partit u ma kellhomx kontroll fuq il-każin meta ma baqgħux f’dik il-ħatra, tant illi meta dehrilhom illi kellhom jieħdu l-każin huma talbu ċ-ċavetta mingħand il-partit konvenut.

22. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, ukoll bis-saħħa tal-presunzjoni tal-pussess *uti dominus*[12] u tal-presunzjoni *probatis extremis media præsumuntur*[13], il-partit konvenut kellu l-pussess kontinwu tal-fond fi Triq Anici mill-inqas sa mill-5 ta’ Lulju 1975. Billi l-ewwel att ta’ interruzzjoni kien iċ-ċitazzjoni li biha nfetħet din il-kawża, ippreżentata fid-19

---

[11] Art. 2118, Kod. Ċiv.

[12] Art. 525(1), Kod. Ċiv.

[13] Art. 528, Kod. Ċiv.

ta' Ottubru 2005, aktar minn tletin sena wara, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena għandha tintlaqa'.

23. Bla ħsara għal dan kollu, il-qorti temmen ukoll illi l-partit konvenut jista' jinqeda wkoll bil-presunzjoni ta' kontinwità tal-pussess minn dakinhar tat-titolu taħt l-art. 529 tal-Kodiċi Ċivili, billi hija tal-fehma illi x-xiri bil-kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972 sar f'isem il-partit konvenut u mhux f'isem kumitat awtonomu.

24. Kif ħareġ mix-xiehda tal-uffiċjali tal-partit l-organizzazzjoni tal-partit dak iż-żmien kienet minn isfel 'il fuq għax kienu l-kumitati fid-diversi bliet u rħula li kienu jifformaw il-partit, u dawk il-kumitati għalhek kienu organi tal-partit. Li ma kienx hekk, il-kumitat *Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin* la kien ikun jista' jsejjaħ lilu nnifsu "kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi" fir-riżoluzzjoni tat-28 ta' Diċembru 1972 li biha ħatar lit-Tabib Hyzler biex jidher fuq il-kuntrat ta' xiri, u lanqas kien ikun jista' jġib l-arma tal-partit fuq it-tesseri tal-imseħbin tiegħu.

25. Il-fatt imbagħad illi l-istess kumitat evolva f'kumitat sezzjonali meta saret ri-organizzazzjoni tal-partit turi kontinwità fil-funzjoni tal-kumitat bħala organu tal-partit għax b'dak il-pass ma nqeridx kumitat awtonomu biex inħoloq organu ġdid tal-partit iżda biss l-istruttura tal-partit ħadet forma oħra aktar ċentralizzata. Il-kumitat, iżda, baqa' bħal ma kien qabel organu tal-partit.

26. Fil-fehma tal-qorti għalhekk il-partit konvenut għandu titolu għall-fond fi Troq Anici, Ħal Qormi, sa minn dakinhar tal-kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972, aktar minn tletin sena qabel ma nfetħet il-kawża.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni illi l-atturi *proprio* ma għandhomx leġittimazzjoni attiva biex ikunu parti fil-kawża, u tilqa' wkoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena. Għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------